# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 72**

**Rikors Kostituzzjonali numru: 583/2021/1 ISB**

**Patrick Spiteri**

***v.***

**Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2023 li ċaħdet talba tiegħu biex ma jitkomplewx proċeduri kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għax igħid li dawk il-proċeduri huma bi ksur tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) ["id-Deċiżjoni Kwadru"] kif implimentata fl-art. 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni ["Kap. 276"] u fl-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni ["L.S. 276.05"]. B'din is-sentenza qiegħda tingħata wkoll deċiżjoni dwar talba tal-attur, magħmula b'rikors tas-17 ta' April

2024 taħt l-art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex il-qorti tirreferi kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex dik il-qorti tagħti deċiżjoni dwar interpretazzjoni tal-art. 27 tad-Deċiżjoni Kwadru.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Fil-31 ta' Mejju 2017 l-attur inġab Malta bis-saħħa ta' mandati ta' arrest Ewropej. Wara li nġab Malta, il-pulizija eżekuttiva ressqitu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ["il-Qorti tal-Maġistrati"] biċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 mixli talli bejn l-1 ta' Marzu 2014 u l-31 ta' Marzu 2018 naqas milli jagħti manteniment li kien marbut li jagħti, bi ksur tal-art. 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali.

3. L-attur ressaq l-eċċezzjoni illi dawn il-proċeduri ma setgħux jitkomplew billi hu kien qiegħed Malta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew u għalhekk ma setax jitresssaq mixli b'reati li saru qabel ma nġieb Malta u li ma humiex reati li dwarhom inħareġ il-mandat.

4. Il-Qorti tal-Maġistrati b'dikriet mogħti fit-23 ta' Settembru 2019 iddeċidiet hekk:

> »Il-qorti wara li rat artikolu 66 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S.276.05) qed tordna l-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura in forza tal-mandati t'arrest fuq imsemmija.
>
> »Għal dan il-għan sas-seduta li jmiss il-Pulizija Eżekuttiva għandha tressaq id-debita prova tad-data li fiha seħħ dan it-treġġigħ.«

5. B'rikors tat-28 ta' Frar 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-attur talab illi dik il-qorti:

> »… jogħġobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Settembru 2019 u, minflok, tordna li l-proċeduri odjerni jiġu differiti

*sine die* ri-appuntabbli fuq talba tal-prosekuzzjoni wara li jiġi milħuq wieħed mir-rekwiżiti rikjesti mill-art. 27 tal-*Council Framework Decision 2002/584/JHA* jew alternattivament tagħmel riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skond il-proċedura li tinsab fit-Taqsima IV tal-Avviż Legali 280 tat-2008 kif sussegwentement emendat, sabiex jiġi stabbiit jekk fil-każ odjern huwiex permessibbli li l-proċeduri odjerni jitkomplew minkejja d-divjiet mill-hekk imsejjaħ *speciality rule* impost mill-*Council Framework Decision 2002/584/JHA* … … …«

6. B'dikriet tad-19 ta' Mejju 2020 il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba.

7. B'rikors ieħor tal-10 ta' Mejju 2021 l-attur reġa' talab illi l-Qorti tal-Maġistrati:

»… jogħġobha tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tagħha tat-23 ta' Settembru 2019 u tat-13 ta' Mejju 2020 biex il-proċeduri odjerni jkunu konformi mal-interpretazzjoni tad-dritt ewropew skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, minflok, tordna li l-proċeduri odjerni fit-totalità tagħhom jiġu differtiti *sine die* għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/GAI.«

8. B'dikriet tal-20 ta' Mejju 2021 il-Qorti tal-Maġistrati reġgħet ċaħdet it-talba.

9. Billi deherlu illi t-tkomplija tal-proċeduri kontra tiegħu jkunu bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq l-attur fetaħ din il-kawża tallum quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ["l-ewwel qorti"] u talab illi dik il-qorti:

»i. a. … … …

b. tagħti b'urġenza miżura *ad interim* billi tordna immedjatament is-sospensjoni tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar artikolu 338(*z*) sakemm tinqata' din il-kawża;

»ii. tiddikjara li fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali ma applikatx tajjeb id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) u li d-digrieti tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 imorru kontra l-istess Deċiżjoni Kwadru;

»iii. konsegwentement tiddikjara li minħabba tali misapplikazzjoni u l-fatt li l-immsemmija digrieti jmorru kontra d-Deċiżjoni Kwadru kif fuq ingħad, u minħabba li d-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 huma nieqsa mill-motivazzjoni, ir-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet tiegħu naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Funda-

mentali tal-Unjoni Ewropea u senjatament l-artikoli 47 u 48 tal-istess Karta;

»iv. konsegwentement … tħassar id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proceduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021;

»v. tordna li l-proċeduri kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhom jiġu differiti *sine die* għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI;

»vi. tillikwida kumpens għall-ksur hekk stabbilit skont id-drittijiet fundamentali u skont id-duttrina tar-responsabbiltà tal-istat kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

»vii. tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit;

»viii. sussidjarjament u f'kaz li ma tilqax it-talbiet precedenti, tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Patrick Spiteri għal smigħ xieraq kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew miksura hekk kif deskritt iktar 'il fuq u b'riżultat tal-fatti kif fuq premessi, inkluż minħabba li d-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 huma nieqsa mill-motivazzjoni u minħabba li d-digrieti tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 jikkozzaw mal-prinċipji tad-dritt Ewropew kif brevement spjegat f'dan ir-rikors;

»ix. konsegwentement … tħassar id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-proceduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 tal-23 ta' Settembru 2019, tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021;

»x. tordna li l-proċeduri kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-00401-2018-6 għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri dwar artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhom jiġu differiti *sine die* għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI;

»xi. tillikwida kumpens għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent kemm *ai termini* tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tagħti kull rimedju ieħor xieraq u opportun biex tispurga l-vjolazzjonijiet hekk riskontrati;

»xii. tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk stabbilit.«

10. Wara li, b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2021, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal rimedju *ad interim,* bis-sentenza tas-27 ta' Novembru 2023 li minnha sar l-appell iddeċidiet hekk:

»… … … tastjeni milli tipprovdi dwar is-seba’ sat-tnax-il talba … u … tiċħad it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrent.

»L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrent «

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-qorti tislet is-segwenti:

»Ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu jgħid li dawn il-proċeduri jittrattaw prinċipalment l-interpretazzjoni tal-artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (*Framework Decision*) tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2022 fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/GAI) u kif din tapplika mal-liġi nazzjonali tal-istati membri tal-UE u f’dan il-każ kif tapplika u trid tinħadem mal-artikolu 338(*z*) ta’ Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

»Jikkontendi li hu ċar li skont l-imsemmi artikolu 27, meta persuna tinġieb f’Malta minħabba l-operazzjoni ta’ mandat t’arrest Ewropew, dik il-persuna ma’ tistax tiġi pproċessata u potenzjalment tingħata piena li tinvolvi t-telf tal-libertà fuq akkużi li m’għandhomx x’jaqsmu mal-arrest Ewropew. Id-Deċiżjoni Kwadru llum hija strument legali regolat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżda anke qabel it-Trattat ta’ Lisbona kellha effett dirett skont ġurisprudenza ta’ <u>Pupino</u> (C-105/03).

»Jispjega li d-Deċiżjoni Kwadru hija implimentata permezz tal-artikolu 25 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276 tal-Liġijiet ta’ Malta), u kif ukoll il-Liġi Sussidjarja 276.05 u, *stante* li dawn qegħdin jimplimentaw id-deċiżjoni kwadru, qatt ma jistgħu jiġu interpretati f’iżolament iżda dejjem in konsistenza magħha.

»Jgħid li għalkemm id-Deċiżjoni Kwadru mhux applikabbli b’mod dirett fil-qrati Maltin, l-effett u r-riżultat tagħha japplikaw u jorbtu idejn il-qorti nazzjonali meta tkun qed tapplika d-dritt lokali u għalhekk il-qorti nazzjonali hija obbligata li timxi mat-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru anke jekk ikun hemm diskrepanza dwar it-tifsira bejnha u bejn il-liġi lokali li tkun qed timplimentaha.

»*Oltre* minn hekk, jispjega li f’każ li hemm ksur tad-dritt Ewropew tiskatta l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fejn l-artikolu 6 tal-istess Karta jorbot lill-istat Malti illi l-imputat ma jistax jeħel detenzjoni jew kwalunkwe kastig ieħor u lanqas jista’ jiġi pproċessat minħabba applikazzjoni mhux preċiża tad-dritt Ewropew.

»Jgħid illi d-Deċiżjoni Kwadru msemmija fl-artikolu 27 tipprovdi dwar ir-regola tal-ispeċjalità li tfisser li persuna li tkun f’Malta biss minħabba l-eżekuzzjoni ta’ proċedura pprovduta fid-Deċiżjoni Kwadru ma tistax tiġi akkużata u pproċessata bl-ebda forma ta’ akkuża oħra sakemm ma taqax taħt l-eċċezzjoni tal-istess artikolu. Jispjega li tista’ tintalab eżenzjoni minn din l-eċċezzjoni li f’dan il-każ ma ntalbitx. Din ir-regola tapplika wkoll għax l-akkuża fil-kawża odjerna hija dwar allegat reat kontinwat li beda f’Marzu 2014 u baqa’ għaddej sa Marzu 2018 u skont l-istess deċiżjoni ma jistgħu jinġiebu ebda akkużi fil-konfront tar-

rikorrenti qabel ma ġie Malta anke jekk l-istess reat ikun għadu għaddej kontinwu sal-lum.

»Isostni li kieku n-nuqqas ta' ħlas beda wara li nġieb Malta, kieku hu ovvju li artikolu 27 ma japplikax, iżda l-allegat nuqqas ta' ħlas beda ferm qabel u kompla wara. Jgħid li sakemm kien fir-Renju Unit ir-rikorrent qatt ma seta' jinġieb Malta abbażi ta' artikolu 338(*z*) u Malta qatt ma talbet permess mir-Renju Unit sabiex jiġi pproċessat taħt l-istess artikolu u għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva ma tistax tmexxi kontra r-rikorrent.

»Jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati kienet parzjalment korretta meta ordnat il-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura Malta iżda l-ispezzettar tal-istess akkużi u l-prosegwiment tal-akkużi li jirrigwardaw eżattament wara li nġieb f'Malta ma setax isir minħabba s-segwenti raġunijiet:

»1. ir-reat taħt l-artikolu 338(*z*) huwa reat istantanju li għall-fini ta' piena huwa reat kontinwat u huwa biss ċirkostanza ta' fatt illi, meta tiġi stabbilita, tinduċi eċċezzjoni għall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi[1]. Jispjega li għalhekk għal fini ta' proċeduri u piena, il-Qorti Kriminali tqisu bħala reat kontinwat – fatt li mhux kontestat mill-*parte civile*;

»2. *ai termini* tal-artikolu 18 tal-Kap. 9, reat kontinwat għandu jitqies bħala reat wieħed u għalhekk ir-rikorrent għandu d-dritt li jiġi pproċessat f'darba għal dak ir-reat u għalhekk meta l-Qorti tal-Maġistrati spezzettat ir-reat spiċċat biex poġġiet l-imputat fi żvantaġġ u dan bi ksur kemm tal-liġi penali u kemm tad-drittijiet fundamentali tiegħu għax ifisser li jista' jsoffri piena aktar;

»3. l-għan tal-artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru hu li jipproteġi lir-rikorrent milli jiġi pproċessat minn akkużi li ma kienx jiġi pproċessat bihom kieku ma nġiebx Malta u dan biex jirrispetta s-sovranità tal-istat membru li bagħtu. Bl-istess mod kieku ma nġiebx Malta minħabba l-*EAW*, l-akkużi ta' wara li nġieb Malta ma kinux jistgħu jiġu pproċessati minħabba li kieku ma kienx jiġi Malta minn jeddu[2];

»4. Sabiex l-imputat jiġi pproċessat fuq l-artikolu 338(*z*) tal-Kap. 9 ikun irid jintalab il-kunsens tar-Renju Unit, liema kunsens ma ntalabx.

»Isostni li r-regola tal-ispeċjalità titlob li f'Malta jista' jiġi proċessat biss għar-reati inklużi fl-*EAW* u mhux għal reati li potenzjalment bdew jitwettqu mir-Renju Unit u setgħu baqgħu jitwettqu mir-Renju Unit imma issa qed jitwettqu f'Malta għax inġieb Malta.

»Jgħid li jekk din il-qorti hija skomda li tabbraċċja dawn l-argumenti mela għandha qabel tgħaddi għas-sentenza finali tkun prudenti u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 267 TFUE biex tassigura

1 »In sostenn ta' dan issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Carmelo Sammut deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar 2021 u Il-Pulizija *v.* Carmel Vella deċiża fis-6 ta' Jannar 2012.«

2 »Ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof (C-195/20 PPU).«

l-uniformità tal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew u tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar tliet mistoqsijiet hemm-hekk elenkati.

»Isostni li jekk kemm-il darba l-istat Malti ma applikax b'mod korrett l-implimentazzjoni ta' artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru dan jiskatta r-responsabbilità ta' Malta bħala stat membru tal-UE u jkun jikkostitwixxi wkoll ksur ta' artikolu 47 u 48 tal-Karta Ewropea fejn id-dritt ta' smigħ xieraq ikun jirriżulta mill-applikazzjoni ħażina tad-Deċiżjoni Kwadru ċitata. Jiċċita d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Francovich li waqqfet id-duttrina dwar ir-responsabbilità tal-istat fejn stat membru jrid jagħmel tajjeb għad-danni jekk kwalunkwe organu tiegħu japplika b'mod żbaljat id-dritt ewropew u jgħid li konseg-wentament din il-qorti għandha tillikwida danni.

»Jikkontendi li n-nuqqas ta' raġunijiet mogħtija fid-digrieti fuq ċitati wkoll jammonta għal leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq għax id-digrieti jridu jkunu ben motivati u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet Nadia Vella *et v.* L-Avukat Ġenerali *et*. Isostni li għalhekk din il-qorti għandha ssib vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Min-naħa tagħhom l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija jsostnu li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tapplikax fil-każ odjern u dana *stante* li l-liġi Maltija u ċjoè l-artikolu 25 tal-Kap. 276 kif ukoll il-Liġi Sussidjarja 276.05 għandu jmexxi lill-qorti, u mhux id-dritt Ewropew u għalhekk ma tiġix invokata l-Karta tad-Drittijiet Funda-mentali iżda l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif jiġri fl-applikazzjoni ta' liġijiet oħra li ġejjin mid-dritt Ewropew.

»Isostnu li l-kwistjoni preżenti titratta purament l-obbligu tar-rikorrent li jaderixxi ruħu mal-liġi Maltija ġaladarba jinsab hawn Malta u l-ebda *rule of speciality* ma tista' qatt tiġi interpretata b'mod u manjiera li, jekk persuna qiegħda preżentament tikser il-liġi tal-pajjiż li tinsab fih, dak il-pajjiż ma jistax jipproċedi kontrieha.

»*Oltre* minn hekk, xorta ma hemm ebda ksur tal-artikoli 47 u 48 tal-Karta Ewropea għaliex il-qorti dejjem applikat il-liġi kif suppost.

»Jikkontendu li huwa maqbul li wieħed ma jistax jipproċedi fil-konfront ta' dak li ġara qabel ir-rikorrenti nġieb Malta iżda fejn ir-reat kien kommess wara allura r-regola tal-ispeċjalità msemmija ma tistax tiġi invokata għax ma tapplikax għall-każ preżenti *stante* li d-digrieti li qed jiġu attakkati mhux jagħmlu referenza għaż-żmien meta r-rikorrent ma kienx f'Malta. *Oltre* minn hekk, il-kawżi ċitati mir-rikorrent fejn il-Qorti tal-Maġistrati applikat ir-regola ta' speċjalità kollha jirreferu għal reati li seħħew qabel ma nġieb Malta mentri f'dan il-każ ir-reat seħħ wara.

»Fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrent li r-reat huwa wieħed kontinwat isostni li ir-reat kontinwat qed jiġi kkunsidrat bħala *fictio juris* u ċjoè assunzjoni u suppożizzjoni tal-liġi u għalhekk ma tistax tingħata immunità u impossibilità ta' prosekuzzjoni minħabba tali *fictio juris* u dana partikolarment minħabba l-fatt li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent imur b'mod gravuż kontra d-drittijiet tal-vittma u għalhekk isostni li m'għandux jiġi aċċettat minn din il-qorti.

»Jispjegaw li dak li ġie maqbul kemm mill-qorti u kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija hu li jitkompla s-smigħ tal-kawża għal akkużi ta' Ġunju 2017 sa Marzu 2018 u ċjoè meta kien Malta.

»Isostnu li d-deċiżjoni tal-maġistrat kienet ben motivata meta hi kwotat l-artikolu tal-liġi u ċjoè l-artikolu 66 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 u a bażi ta' dan ordnat il-prosegwiment tal-kawża għall-offiżi li seħħew wara r-ritorn tar-rikorrent f'Malta. Jispjegaw li għalhekk il-pożizzjoni meħuda hija waħda fejn ir-reat beda jseħħ minn meta r-rikorrent ġie lura Malta u għadu għaddej għal kull ġurnata li r-rikorrent jonqos milli jħallas il-manteniment dovut. Jgħidu li r-rikorrent bil-pretensjonijiet tiegħu donnu qed jippretendi li jikser il-liġi u l-istat jagħlaq għajnejh għal dan il-ksur u dana ċertament huwa inaċċettabbli.

»Fir-rigward tad-dutrina ta' Francovich jikkontendu li din mhux applikabbli għal każ odjern u dana *stante* li l-qorti trid tapplika l-liġi Maltija b'mod sħiħ u mhux fejn jaqblilha.

»Isostnu li din il-qorti la għandha s-setgħa u lanqas huwa l-irwol tagħha li tħassar digrieti ta' qorti kriminali u dana *stante* li għad hemm lok li r-rikorrent jappella mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Jikkontendu li mhuwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tara jekk każ ġiex deċiż sew mill-qrati ordinarji għax b'hekk tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt. Isostnu li r-rikorrent qed jagħmel minn kollox sabiex jaħrab il-ġustizzja u dan m'għandux jiġi aċċettat.

»*Dato ma non concesso* li r-*rule of speciality* hija applikabbli, l-intimati jsostnu li sakemm il-proċeduri kriminali mibdija kontra r-rikorrent rigward il-manteniment għadhom pendenti, dawn il-proċeduri huma legali u jistgħu jibqgħu għaddejjin; huwa biss meta tasal għall-kundanna ta' piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali li l-kunsens irid jintalab mir-Renju Unit u dan sabiex is-sentenza tkun tista' tiġi esegwita[3].

»Isostnu li la darba r-rikorrent qed jilmenta wkoll li d-drittijiet fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi, din il-proċedura kellha ssir quddiem il-Prim'Awla fil-vesti kostituzzjonali tagħha u dana *stante* li huma għal kollox distinti mill-proċedura *ai termini* tal-artikolu 154 *et seq*. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dan, isostni li ma hemm l-ebda ksur tal-artikoli ċitati. Jispjega li għalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull ġudikat mhux neċessarju li din tkun waħda bilfors elaborata u tista' tkun waħda skematika basta li minnha tkun tista' tiġi individwata r-raġuni wara tali deċiżjoni. Jikkontendu li l-qorti mxiet skont il-liġi Maltija li hija *in linea* mal-prinċipju tad-dritt Ewropew.

»Eċċezzjoni dwar il-*forum* addattat

»Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew li ladarba r-rikorrent qed jilmenta li d-drittijiet fundamentali tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam smigħ xieraq qed jiġu allegatament leżi, isostnu li din mhix il-proċedura appożita u dan mhux il-*forum* addattat u tali lmenti kellhom jiġu ppreżentati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-vesti kostituzzjonali tagħha.

---

3 »Ara C-388/08 PPU *Criminal proceedings against Arthur Leymann and Aleksei Pustovarov*.«

»… … …

»Il-qorti tqis illi l-artikolu surreferit [art. 46 (1), (2) u (4) tal-Kostituzzjoni u art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea] jirreferi għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mingħajr ma jispeċifika li din għandha tkun fil-vesti kostituzzjonali tagħha. Minkejja dan, huwa guridikament korrett jingħad illi d-dritt kostituzzjonali jiġi interpretat u applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha u, jekk ikun hemm appell minn din il-qorti, dan isir lill-Qorti Kostituzzjonali. Minn din is-sentenza għall-kawża odjerna kif istitwita ma hemm ebda appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

»… … …

»Il-qorti tirreferi għalhekk għal-Liġi Sussidjarja 12.09 minn fejn jirriżulta ċar u ampju illi l-leġislatur ried illi jitratta proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'mod divers minn proċeduri ordinarji miġjuba quddiem ilPrim'Awla tal-Qorti Ċivili. Ir-regolamenti msemmija, applikabbli għal proċeduri fi kwistjonijiet kost-ituzzjonali, isibu posthom fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mhux fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha.

»Għalhekk ma hemmx dubju f'moħħ din il-qorti li jekk kemm-il darba r-rikorrent ried jilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, kif fil-fatt għamel fil-każ odjern, tali talbiet kellhom isiru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede kostituzzjonali tagħha, bil-proċedura hemmhekk kontemplata.

Għalhekk, il-qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhix ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti li jikkonċernaw ksur tal-jeddijiet funda-mentali ta' smigħ xieraq u ċjoè mis-seba' sat-tnax-il talba tar-rikorrent, kif kontenuti fir-rikors tiegħu.

»… … …

»Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

»Il-qorti tibda' biex tqis illi l-proċeduri odjerni jirrigwardaw numru ta' digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali … fejn l-istess maġistrat permezz tad-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2019, sussegwentement ikkonfermat f'digrieti oħra illi jsegwu, iddikjarat il-prosegwiment tal-kawża fl-ismijiet <u>Pulizija *v.* Patrick Spiteri</u> "in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura Malta in forza tal-mandati t'arrest" eEwropew maħruġa kontrih u dan *ai termini* tal-artikolu 66 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S.276.05).

»Ir-rikorrent jilmenta li dan imur kontra l-artikolu 27 paragrafu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-istati membri (2002/584/GAI) li jgħid testwalment hekk:

> »… persuna ċeduta ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew f'xi mod ieħor miċħuda l-libertà tiegħu jew tagħha għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha, barra dik għal liema l-persuna kienet ġiet ċeduta.«

»Dan il-prinċipju jsib limitazzjoni u eċċezzjoni fir-reat illi għalih ikun ħareġ il-mandat ta' arrest ewropew u kif ukoll numru ta' ċirkostanzi oħra elenkati fis-sub-paragrafu sussegwenti tal-istess artikolu 27.

»Issa din ir-regola ġiet introdotta fil-liġi Maltija bl-artikolu 25 tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta li jgħid testwalment hekk:

> »"(2) Ma għandu jsir xejn f'Malta dwar persuna li għaliha japplika dan l-artikolu, matul iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3), għal jew dwar xi reat magħmul minnha qabel ma treġġgħet lura Malta ħlief dwar-
>
> »"(*a*) ir-reat li dwaru hi tkun treġġgħet lura; jew
>
> »"(*b*) xi reat anqas gravi ppruvat mill-fatti li ġew ippruvati biex jiġi żgurat it-treġġigħ lura tagħha; jew
>
> »"(ċ) xi reat ieħor li dwaru l-pajjiż li minnu tkun ġiet imreġġa' lura jagħti l-kunsens tiegħu li tittieħed azzjoni kontra dik il-persuna."

»Il-qorti tosserva wkoll l-artikolu 66 tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) li jgħid testwalment hekk:

> »"**66.** (1) Dan l-artikolu japplika jekk persuna titreġġa' lura lejn Malta minn pajjiż skedat (Ir-Renju Unit huwa pajjiż skedat) konformement ma' mandat taħt it-Taqsima III.
>
> »"(2) Tista' tittieħed azzjoni kontra persuna f'Malta għal reat li tkun għamlet qabel l-estradizzjoni biss jekk –
>
> > »"(*a*) ir-reat jaqa' taħt is-subartikolu (3), jew
> >
> > »"(*b*) tkun sodisfatta l-kondizzjoni fis-subartikolu (4).
>
> »"(3) Ir-reati huma –
>
> > »"(*a*) ir-reat li l-persuna titreġġa' lura dwaru;
> >
> > »"(*b*) reat żvelat mill-informazzjoni mogħtija lill-pajjiż imsemmi dwar dak ir-reat;
> >
> > »"(*ċ*) reat ta' estradizzjoni li dwaru jingħata l-kunsens, f'isem il-pajjiż skedat, lill-persuna li tkun qiegħda tittieħed azzjoni dwarha;
> >
> > »"(*d*) reat li mhux punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni;
> >
> > »"(*e*) reat li dwaru l-persuna ma tinżammx f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedimenti fil-qorti kontrieha, sentenza jew appell;
> >
> > »"(*f*) reat li dwaru l-persuna twarrab id-dritt li kieku hija jkollha (li ma kienx għal dan il-paragrafu) li ma titteħidx azzjoni dwarha għal dak ir-reat.
>
> »"(4) Il-kondizzjoni hi li l-persuna tkun ingħatat opportunità li titlaq minn Malta u –
>
> > »"(*a*) ma tkunx għamlet dan qabel tmiem il-perjodu, jew
> >
> > »"(*b*) tkun għamlet dan qabel tmiem il-perjodu permess u tkun irritornat lejn Malta.
>
> »"(5) Il-perjodu permess hu ta' ħamsa u erbgħin ġurnata li jibdew għaddejin mill-jum meta l-persuna tasal f'Malta."

»Issa, fil-każ odjern, ir-rikorrent inġieb Malta fil-31 ta' Mejju 2017 u qiegħed jiġi akkużat illi bejn l-1 ta' Marzu 2014 u l-31 ta' Marzu 2018 huwa naqas milli jagħti lil Silvana Spiteri s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u / jew għal martu, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma (Kap. 9 artiklu 338(*z*)).

»Il-qorti tosserva li hu paċifiku bejn il-partijiet li persuna ma tistax titressaq dwar akkużi li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet li seħħew qabel ma r-rikorrent inġieb Malta permezz tal-mandat t'arrest Ewropew, jekk l-istess mandat ma jirrigwardax dak l-istess reat u sakemm mhux permess mil-ligi. Il-punt fejn il-partijiet ma jaqblux huwa dwar jekk ir-reat in kwistjoni jikkonsistix f'reat kontinwat u għalhekk għandux jitqies reat wieħed li ma jistax jiġi spezzettat.

»Din il-qorti tibda biex tqis illi, fl-ewwel digriet tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet distinzjoni, għal dak li jirrigwarda l-akkużi li nġiebu 'l quddiem fil-konfront tar-rikorrent, bejn il-perjodu ta' qabel ma huwa nġieb Malta bi proċeduri ta' estra-dizzjoni u l-perjodu ta' wara li nġieb Malta. Il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-provvedimenti tal-liġi *de quo* u sostniet illi, bl-applikabilità tar-*rule of speciality*, hija kienet qed tawtorizza l-prosegwiment tal-kawża biss u limitatament fil-konfront tal-perjodu ta' wara illi huwa nġieb Malta.

»Din il-qorti mhix ser tissostitwixxi ruħha għall-Qorti tal-Maġistrati, iżda għal finijiet anke tal-osservazzjonijiet li għad trid tagħmel fil-mertu aktar 'il quddiem, tifli bir-reqqa l-artikolu 66(3)(*d*) tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S.276.05) hawn fuq ċitat. Dan l-artikolu serva bħala l-motiv wara d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema motiv baqa' kostanti fid-digrieti l-oħra li ssuċċedew. Huwa għalhekk illi din il-qorti ma tqisx illi r-rikorrenti għandu raġun jilmenta illi d-digrieti li segwew huma nieqsa minn motivazzjoni, proprju għaliex id-digrieti tat-13 ta' Mejju 2020 u tal-20 ta' Mejju 2021 jagħmlu referenza għal xulxin u jżommu ferm dak li tgħid il-qorti fil-motivazzjoni mogħtija oriġinarjament.

»Issa, il-qorti tqis illi minn qari ta' dak is-sub-inċiż, sakemm akkużi ma jkunux neċessarjament iġibu piena ta' ħabs jew detenzjoni, allura jistgħu jinħarġu tali akkużi anke għall-perjodu ta' qabel ma l-persuna akkużata tkun inġiebet lura Malta.

»Il-liġi tgħid espressament illi tista' tittieħed azzjoni kontra persuna f'Malta għal reat li tkun għamlet qabel l-estradizzjoni biss jekk ir-reati mhumiex punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni. Dan ifisser illi, fejn ir-reat iġib miegħu neċessarjament piena ta' priġunerija, allura, fit-termini ta' dan il-provvediment, persuna ma tistax titressaq quddiem il-qorti fiċ-ċirkostanzi hawn fuq riferiti (anke jekk konċess illi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, kif aktar 'l isfel jinghad, jista' qegħdin jissuġġerixxu mod ieħor). Min-naħa l-oħra, il-qorti tqis illi fejn ir-reat ma jġibx piena ta' priġunerija awtomatika f'każ ta' ħtija, imma jista' per eżempju jkun hemm multa, allura l-akkużi jistgħu jinħarġu u l-persuna tista' tiġi proċessata.

»Il-qorti tqis illi il-provvedimenti tal-Ligi Sussidjarja 276.05 hawn fuq ċitati jirrifflettu tajjeb dak li tgħid id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI), senjatament l-artikolu

27 taghha meta jingħad ċar illi persuna ċeduta tista' tiġi proċessata jekk l-offiża mhijiex punibbli minn sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

»Issa f'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Fabio Psaila *v.* l-Avukat Generali *et* fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 2023:

> »"Il-qorti tosserva wkoll li l-ilment tal-appellant dwar l-artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieħed pjuttost teoretiku fiċ-ċirkostanzi tal-każ … … … Fir-rigward tal-ilment dwar il-liġi nnifisha, kif sewwa jargumenta l-Avukat tal-Istat, il-liġi ma tiffissax piena karċerarja mandatorja u l-qrati jistgħu mhux biss jagħżlu li jerogaw piena konsistenti f'ammenda jew sempliċiment ċanfira u twiddiba, iżda jistgħu wkoll jilliberaw lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor, *oltre* li meta jagħtu piena karċerarja jistgħu jordnaw li din tiġi sospiża għal żmien stabbilit minnhom."

»Għalhekk il-qorti tqis illi l-artikolu 338(*z*) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li a bażi tiegħu nħarġu l-akkużi fil-konfront tar-rikorrent, mhux neċessarjament illi ser iġibu, f'każ ta' ħtija, piena karċerarja. Il-qorti tqis illi "il-forsi" mhux biżżejjed, u dan anke fil-kuntest ta' dak li ser jingħad aktar 'l isfel.

»Il-qorti tqis illi allura, sakemm il-liġi penali ma timponix pieni awtomatiċi ta' priġunerija għar-reat li jkun, allura l-proċeduri jkunu jistgħu jiġu inizjalati u b'hekk il-qorti tilqa' dak li jsostnu l-intimati, speċjalment fejn jirreferu għal dak li tgħid il-kawża minnhom ċitata C-388/087[4] deċiża mill-Qorti Ewropea:

> »"72 The exception in Article 27(3)(c) of the Framework Decision concerns a situation in which the criminal proceedings do not give rise to the application of a measure restricting personal liberty.
>
> »"73 It follows that, in the case of that exception, a person can be prosecuted and sentenced for an 'offence other' than that for which he was surrendered, which gives rise to a penalty or measure involving the deprivation of liberty, without recourse being necessary to the consent procedure, provided that no measure restricting liberty is applied during the criminal proceedings. If however, after judgment has been given, that person is sentenced to a penalty or a measure restricting liberty, consent is required in order to enable that penalty to be executed.
>
> »"74 That interpretation also reflects the provisions of Article 10(1)(b) of the 1996 Convention, as is made clear by the explanatory report to that convention, approved by the Council on 26 May 1997 (OJ 1997 C 191, p. 13). According to that report, a requesting Member State may start or continue prosecution, or try a person, for acts other than those for which he was extradited, even where the offence is punishable by a sanction restricting personal liberty, to the extent that the person is not, either during or as a result of the proceedings, restricted in his personal liberty. Thus, according to the report, if the person concerned is sentenced to a penalty or a measure involving deprivation of liberty, that sentence may not be executed unless the requesting

[4] »Judgment of the Court (Third Chamber), 1 December 2008«

> Member State obtains the consent either of that person or the requested State."

»F'dan is-sens, jitqies illi proċeduri li ma jġibux piena awtomatika ta' priġunerija jistgħu jiġu inizjalati u konklużi, iżda, biss fil-każ illi l-qorti tħoss illi piena karċerarja hija aktar adegwata fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ, allura hemmhekk jidħlu fis-seħħ provvedimenti u proċeduri oħra qabel ma tali sentenza tingħata effett.

»Issa, ir-rikorrent isostni illi l-artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru jipproteġi lir-rikorrent milli jiġi pproċessat minn akkużi li ma kienx jiġi pproċessat bihom kieku ma nġiebx Malta u dan biex jirrispetta s-sovranità tal-istat membru li bagħtu. Il-qorti jidhrilha illi r-rikorrent huwa skorrett fl-ewwel parti ta' din l-osservazzjoni, in kwantu illi dik l-asserzjoni mhix assoluta u hemm, kif jingħad aktar 'il fuq, l-eċċezzjonijiet għaliha. Ukoll, illi b'dak hawn fuq konkluż u bil-fatt illi sentenza li ġġib magħha deprivazzjoni tal-libertà ta' persuna mibgħuta minn membru skedat, tingħata effett biss *una volta* jinġieb il-kunsens ta' dak l-istat skedat, allura altru milli s-sovranità ta' dak l-istat qed tiġi rispettata.

»F'dan il-kuntest, il-qorti għalhekk tqis illi r-rikorrenti ma għandux raġun jilmenta minn lezjoni tad-drittijiet tieghu jew applikazzjoni żbaljata tal-provvedimenti tal-ligi sakemm huwa jibqa' fil-possibilità illi jingħata sentenza ta' htija, u, konsegwenti għaliha, ma jiħux piena karċerarja. U anke jekk jieħu tali piena, dik tieħu effett biss *una volta* jinġieb il-kunsens, f'dan il-każ, tar-Renju Unit.

»B'hekk, il-qorti tqis illi mhux biss tkun qed tiġi rispettata s-sovranità tal-pajjiż skedat li jkun bagħat lill-persuna, imma wkoll is-sovranità tal-pajjiż illi jirċievi l-persuna fi kwistjonijiet ta' proċeduri penali fiż-żamma tal-ordni pubbliku ta' dak il-pajjiż, ukoll peress illi l-kontravvenzjoni partikolari *ai termini* tal-artikolu 338(*z*) tal-Kap. 12 [*recte*, Kap. 9] hija waħda minn dawk illi l-liġi penali tagħna tikklassifika bħala "kontra l-ordni pubbliku". F'dan il-kuntest ukoll, għalhekk, il-qorti tqis illi, bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2019, il-qorti hemmhekk sabet bilanċ xieraq u wettqet ġustizzja prattika fl-ambitu tal-liġijiet taghna u b'rispett lejn id-drittijiet tar-rikorrenti kif ukoll dawk tal-persuna illi lilha huwa allegatament dovut il-manteniment, u finalment bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-pajjiżi membri stati.

»Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi l-ispezzettar tal-akkużi u l-prosegwiment tal-akkużi li jirrigwardaw il-perjodu ta' wara li nġieb f'Malta ma setax isir minħabba illi r-reat taħt l-artikolu 338(*z*) huwa reat istantanju li għall-fini ta' piena huwa reat kontinwat u huwa biss ċirkostanza ta' fatt illi, meta tiġi stabbilita, tinduċi eċċezzjoni għall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi[5]. Jispjega li għalhekk, għal fini ta' proċeduri u piena, il-Qorti Kriminali tqisu bħala reat kontinwat – fatt li mhux kontestat mill-*parte civile*.

»F'dan ir-rigward il-qorti tosserva dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Carmelo Sammut deċiża fil-21 ta' Jannar 2021 fejn il-qorti qalet is-segwenti:

---

5 »In sostenn ta' dan issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Carmelo Sammut deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar 2021 u Il-Pulizija *v.* Carmel Vella deċiża fis-6 ta' Jannar 2012.«

»"Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba l-fatt li skont ġurisprudenza paċifika r-reat taħt l-artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanea. F'dan is-sens ara s-sentenza Il-Pulizija *v.* Peter Abdilla deċiża nhar it-28 ta' Lulju 2010 fejn ġie ritenut hekk:

»"'Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-akkuża kontra tieghu hi preskritta. Isostni illi, *stante* li hu akkużat taħt l-artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali, a tenur tal-*proviso* tal-istess artikolu l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur.

»"'Li l-perijodu preskrittiv huwa ta' sitt xhur huwa minnu, iżda hawn qiegħed jiġi attribwit lill-appellant reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Din il-kwistjoni ġiet trattata fl-Appell Kriminali Il-Pulizija *v*. John Chircop deciz fit-3 ta' Novembru 2005 fejn intqal:

»"'"Dwar l-ewwel tliet aggravji li jirrigwardaw il-preskrizzjoni, din il-qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(*z*) tal-Kap. 9 huwa wieħed istantenju u mhux permanenti. Dan però jiġi kommess appena jiskadu ħmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun seħħ. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm ċerta konfużjoni ta' ideat bejn reat permanenti (*continuing offence*) u reat kontinwat (*continuous offence*). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-qorti fil-kawza Il-Pulizija *v*. Joseph Galea (3.11.1995)

»"'"'Il-kuncett ta' *continuous offence* jinċidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-*continuing offence* jinċidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma żewġ konċetti ġuridikament differenti u separati minn xulxin. Id-diffikoltà doppja li tinħoloq hija li bit-test Malti ħafna drabi nirriferu kemm għall-*continuing offence* kif ukoll għall-*continuous offence* bħala reat kontinwat, benché li huma żewġ kunċetti ġuridikament differenti minn xulxin. … Il-fatt jibqa' wieħed li l-ġurisprudenza tindika bl-iżjed mod ċar li l-artikolu 338(*z*) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat (*continuing*).'

»"'"Dan però bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistgħux – anki a benefiċċju tal-akkużat – jinġabru flimkien mill-prosekuzzjoni bħala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-qorti wkoll fl-istess sentenza appena ċitata rriteniet li dan hu possibbli."'"

»Fil-fehma ta' din il-qorti, l-argument / ilment da parti tar-rikorrent dwar l-ispezzettar tal-akkużi ma jreġix u dana *stante* l-fatt li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati x'piena jkollha tiġi inflitta f'każ ta' ħtija, għaliex il-qorti tosserva illi l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jħalli fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk, f'każ ta' ħtija u f'każ illi kellu

> jiġi meqjus reat kontinwat, iżżidx il-piena minn grad sa żewg gradi. Dan ifisser illi dejjem hemm il-possibilità illi l-qorti dan ma tagħmlux.
>
> »Issa, akkont illi l-Qorti tal-Maġistrati spezzettat l-akkuża fi tnejn, dejjem hemm il-possibilità illi r-rikorrent jużufruwixxi ruħu minn din id-diskrezzjoni tal-qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern jekk u meta jaffaċċja l-akkużi relatati għall-perjodu qabel ma treġġa' lura Malta.
>
> »Il-qorti ma tqisx għalhekk illi l-ispezzettar tal-akkużi b'xi mod setgħu ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti. Lanqas ma tqis illi d-digriet tat-23 ta' Settembru 2019 u d-digrieti sussegwenti interpretaw u / jew applikaw ħażin il-provvedimenti tal-liġijiet relattivi.
>
> »Għalhekk, *in vista* tas-suespost, il-qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet sanċiti bl-artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru u tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2019 u d-digrieti sussegwenti li jikkonfermaw l-istess digriet.«

12. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Diċembru 2023 li l-konvenuti wieġbu għalih fid-9 ta' April 2024. Waqt is-smigħ tal-appell l-attur b'rikors tas-17 ta' April 2024 talab illi din il-qorti:

> »… … … tordna rinviju ta' domandi preliminari lill-QĠUE a tenur ta' artikolu 267 TFUE dwar il-mistoqsijiet li hemm bżonn kif issuġġeriti f'paragrafu 14 ta' dan ir-rikors odjern, jew kif din il-qorti jidhrilha xieraq.«

13. Il-qorti sejra tqis u tiddeċiedi dwar dan ir-rikors qabel ma tqis il-meritu tal-appell peress illi, jekk tintlaqa' t-talba, is-smigħ tal-kawża jieqaf sakemm tasal it-tweġiba tal-Qorti tal-Ġustizzja.

14. Il-mistoqsijiet fil-paragrafu 12 (mhux 14) tar-rikors huma dawn:

> »1. It-tielet *decide* f'<u>C-388/08 PPU</u>, għandu jiġi estiż u applikat fejn il-miżura mhix legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jistabu fil-mandat ta' arrest ewropew, anzi fejn dawn il-kapijiet huma kompletament mhux relatati u l-miżuri lanqas jistgħu jkunu suġġett għat *EAW*?
>
> »2. Artikolu 27 tad-Deċiżjonl Kwadru (2002/584/GAI) għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi l-ipproċessar ta' diversi akkużi istantanji li bdew qabel ma l-imputat jkun intbagħat fl-istat membru li jkun għamel it-talba u tkomplew mhux interroti bl-istess mod wara li jkun ġie ritornat meta l-liġi lokali tqishom bħala akkużi ta' reat kontinwat għall-finijiet ta' piena u proċeduri?
>
> »3. Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/GAI) għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi l-proċessar ta' akkużi ta' ommissjoni

wara li persuna tkun ġiet ritornata minħabba l-operat ta' *EAW*, jekk dawn l-istess reati li qed jiġu proċessati setgħu jiġu kommessi wkoll mill-imputat fl-istat membru fejn kien qabel intbagħat u li kieku ma nbtagħtx minħabba l-*EAW* ma setgħux ikunu ipproċessatl?

»4. Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/GAI) flimkien mal-provvedimenti l-oħra tad-Deċiżjonl Kwadru (2002/584/GAI) bħala strument ta' dritt ewropew jista' qatt fid-dritt nazzjonali jpoġġi persuna li tkun ċeduta fl-istat membru li jagħmel it-talba, proċeduralment fi żvantaġġ dwar akkużi oħra li m'humiex koperti bl-*EAW* u li kieku dawn ma setgħu qatt jiġu proċessati li kieku ma kienx hemm l-istess ċediment?«

15. L-attur fisser hekk ir-raġuni għala jrid li jsiru dawn il-mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja:

»L-ewwel qorti strieħet parti importanti mid-deċiżjoni tagħha billi tat interpretazzjoni ġdida lis-sentenza tal-QGUE C-388/08 PPU, u dan għamlitu min jeddha mingħajr ma użat id-diskrezzjoni tagħha kif inhu mltlub a tenur ta' artlkolu 267 TFEU u talbet kjarifika lill-qorti kompetenti li jkollha l-aħħar dritt li tinterpreta d-Deċiżjoni Kwadru in kwestjoni.

»… … …

»Jirriżulta li l-ewwel qorti ikkwotat il-każ C-388/08 PPU msemmi fuq b'referenza għat-tielet rlnvlju ta' dan it-każ. Il-QĠUE qalet li:

> »"L-eċċezzjoni prevista fl-artikolu 27(3)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha tkun interpretata fis-sens li, quddiem 'reat minbarra' dak li fir-rigward tiegħu l-persuna kienet ġiet ikkonsenjata, il-kunsens għandu jintalab, skont l-artikolu 27(4) ta' din id-deċiżjoni qafas, u jinkiseb jekk hemm lok li tiġi esegwita piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali. Il-persuna kkonsenjata tista' tiġi pproċessata jew ikkundannata għat tali reat qabel ma jkun inkiseb ll-kunsens, sakemm ebda miżura li tirrestrlngi l-libertà personali ma tkun applikata matul il-fażi ta' prosekuzzjoni jew ta' sentenza relatata ma' dan ir-reat. L-eċċezzjoni prevista fl-artikolu 27(3)(c) madankollu ma tipprekludix li l-persuna kkonsenjata tkun suġġetta għal miżura li tirrestrinġi l-libertà personali qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm din il-miżura hija legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest ewropew."

»Hawnhekk l-ewwel qorti donnha ma fehmitx b'mod sħiħ il-każ li kwotat hi stess u l-kuntest tal-kwotazzjoni t'hawn fuq. Dan iffisser li dan il-każ ma jistax jiġi applikat *ad litteram* għall-każ odjern għax il-fatti huma totalment differenti. Dan huwa wkoll dovut għall-fatt li l-każ kwotat kien hemm differenza primarjament fit-tip ta' narkotiċi li dwar-hom Leyman ġie pproċessat. Dawn l-akkuzi 'ġodda' kienu legalment iġġustifikati minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest ewropew ta' dak il-każ.

»L-istess ma jreġix fil-fatti tal-każ odjern fejn akkużi taħt artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali Malti m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-akkużi li

dwarhom ir-rikorrent inġab Malta fuq mandat ta' arrest ewropew. Għalhekk il-kwotazzjoni li a bażi tagħha iddeċediet l-ewwel qorti hija żbaljata. … … …

»… … …

»Il-QĠUE iddeċidiet f'C-388/08 PPU li l-eċċezzjoni prevista fl-artikolu 27(3)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584 għandha tkun interpretata fis-sens li, quddiem 'reat minbarra' dak li fir-rigward tiegħu l-persuna kienet ġiet ikkonsenjata, il-kunsens għandu jintalab, skont l-artikolu 27(4) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, u jinkiseb jekk hemm lok li tiġi esegwita piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali. Il-persuna kkonsenjata tista' tiġi pproċessata jew ikkundannata għal tali reat qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm ebda miżura li tirrestrinġi l-libertà personali ma tkun applikata matul il-fażi ta' prosekuzzjoni jew ta' sentenza relatata ma' dan ir-reat. L-eċċezzioni prevista fl-artlkolu 27(3)(c) madankollu ma tipprekludix li l-persuna kkonsenjata tkun suġġetta għal miżura li tirrestrinġi l-libertà personali qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm din il-miżura hija legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest ewropew.

»In-nuqqas ta' każijiet tal-QĠUE dwar dan il-mertu hija l-*prova madre* li s-suġġett tal-kawża għadu mhux ċar. Ġaladarba l-applikazzjoni korretta ma hijiex "*so obvious as to leave no scope for any reasonable doubt as to the manner in which the question raised* is *to be resolved*" [per CILFIT] dina l-qorti għandha obbligu u d-dmir anke minn jeddha li tagħmel rinviju sabiex il-kjarifiki japplikaw madwar l-Ewropa kollha.

»Għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti tal-Appell, bħala l-aħħar qorti fis-sistema ġuridika Maltija u fil-kaz, a tenur ta' artikolu 267 TFUE għandha l-obbligu mandatorju li tagħmel rinviju qabel ma tinterpreta l-liġi ewropea għal-kuntest Malti.«

16. L-art. 27 tad-Deċiżjoni Kwadru jgħid hekk:

»Artikolu 27

»Azzjoni kriminali possibbli għal reati oħra

»1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifika, il-kunsens hu kkunsidrat li ġie mogħti għall-azzjoni kriminali, l-għoti ta' sentenza jew id-detenzjoni bil-għan li tiġi skontata piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha, barra dak li għaliha ġiet konsenjata, sakemm f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjaraja ta' esekuzzjoni ma tiddikjarax mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar il-konsenja.

»2. Ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, persuna konsenjata ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew b'xi mod ieħor miċħuda mil-libertà tagħha għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha minbarra dak li għalih ġiet konsenjata l-persuna.

»3. Il-paragrafu 2 ma japplikax fil-każijiet li ġejjin:

»(a) meta l-persuna wara li kellha l-opportunità biex titlaq mit-territorju tal-Istat Membru li lilu ġiet konsenjata m'għamlitx hekk fi żmien

45 jum mill-ħelsien finali tagħha, jew irritornat f'dak it-territorju wara li telqet minnu;

»(b) ir-reat mhuwiex punibbli b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;

»(ċ) il-proċedimenti kriminali ma jikkawżawx l-applikazzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni għal-libertà personali;

»(d) meta l-persuna setgħet tkun soġġetta għal piena jew miżura li ma tinvolvix iċ-ċaħda tal-libertà personali, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflok din, ukoll jekk il-piena jew il-miżura tista' tikkawża restrizzjoni tal-libertà personali:

»(e) meta l-persuna tat il-kunsens biex tiġi konsenjata, fejn adatt fl-istess ħin li hi rrinunzjat għar-regola tal-ispeċjalità, skond l-Artikolu 13;

»(f) meta l-persuna, wara l-konsenja tagħha, irrinunzjat espressament għall-benefiċċju tar-regola tal-ispeċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi qabel il-konsenja tagħha. Ir-rinunzja għandha tiġi mogħtija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti u għandha tiġi rreġistrata skond il-liġi domestika ta' dak l-Istat. Ir-rinunzja għandha titfassal b'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna għandu jkollha d-dritt għal avukat;

»(g) fejn l-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni li kkonsenjat il-persuna tagħti l-kunsens tagħha skond il-paragrafu 4.

»… … …«

17. Huwa mill-ewwel ovvju illi kemm is-sentenza appellata u kemm il-mistoqsijiet li jrid illi jsiru l-attur huma msejsa fuq il-premessa żbaljata illi sejrin jitmexxew kontra l-attur proċeduri penali dwar reati mwettqa qabel ma nġieb Malta bis-saħħa tal-mandat ta' arrest Ewropew.

18. Dan ma hux il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati bid-dikriet tat-23 ta' Settembru 2019 kienet ċara meta ordnat "il-prosegwiment tal-kawża in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura in forza tal-mandati t'arrest". Għalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti dwar jekk il-Qorti tal-Ġustizzja fehmitx illi l-art. 27(3)(c) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584 jippermettix illi l-persuna miġjuba lura tista' tkun mixlija b'xi "'reat minbarra' dak li fir-rigward tiegħu l-persuna kienet ġiet ikkon-

senjata" ma humiex relevanti fil-każ tallum għax l-attur ma huwiex mixli b'reat bħal dak.

19. Daqstant irrelevanti huma: l-ewwel mistoqsija dwar meta "il-miżura mhix legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jistabu fil-mandat ta' arrest ewropew"; it-tieni mistoqsija dwar "l-ipproċessar ta' diversi akkużi istantanji li bdew qabel ma l-imputat jkun intbagħat fl-istat membru li jkun għamel it-talba"; it-tielet mistoqsija dwar "reati li … setgħu jiġu kommessi wkoll mill-imputat fl-istat membru fejn kien qabel intbagħat"; u r-raba' mistoqsija dwar "akkużi oħra li m'humiex koperti bl-*EAW*".

20. Is-sitwazzjoni llum hija illi l-akkużi pendenti kontra l-attur huma kollha dwar atti jew ommissjonijiet li seħħew wara li nġieb lura. Il-fatt li wħud mid-"diversi atti" li fi kliem l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali jitqiesu reat wieħed seħħew qabel ma jfissirx illi, għall-għanijiet tal-akkuża, għandu bilfors jitqies meta seħħ l-ewwel wieħed minn dawk l-atti. Fil-każ tallum l-atti magħmulin qabel l-attur inġieb Malta qegħdin "jintesew" bis-saħħa tad-dikriet tat-23 ta' Settembru 2019 u sejrin jitqiesu biss dawk li seħħew wara.

21. Imbagħad, in-natura tal-akkuża – jekk hijiex ukoll dwar atti jew nuqqasijiet magħmulin qabel l-attur inġieb Malta jew hijiex biss dwar atti jew nuqqasijiet magħmulin wara li l-attur inġieb Malta – hija kwistjoni mhux ta' dritt Ewropew iżda ta' dritt penali Malti.

22. Kif tosserva s-sentenza appellata, l-attur stess, wara kollox, "isostni li, kieku n-nuqqas ta' ħlas beda wara li nġieb Malta, kieku hu ovvju li artikolu 27 ma japplikax". Għall-għanijiet tal-proċeduri kontra l-attur, sejjer jitqies

biss “in-nuqqas ta’ ħlas [li] beda wara li nġieb Malta”, u għalhekk “artikolu 27 ma japplikax”.

23. Għal dawn ir-raġunijiet ma hijiex meħtieġa tweġiba għall-mistoqsijiet proposti mill-attur, u t-talba magħmula bir-rikors tal-attur tas-17 ta’ April 2024 hija għalhekk miċħuda. Ir-rikors tal-attur ma huwiex ħlief tentattiv ta’ dirottament tal-proċeduri bl-introduzzjoni ta’ element falz ta’ dritt Ewropew fil-proċeduri.

24. Ngħaddu mela għall-meritu tal-appell. Fit-tweġiba tagħhom il-konvenuti ressqu eċċezzjoni preliminari illi:

> »… … … ġaladarba dawn il-proċeduri nfethu quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, mhux fis-sede kostituzzjonali taghha u ġiet adottata l-proċedura b’rikors ġuramentat *ai termini* tal-artikoli 154 *et seq*. tal-Kap. 12, l-appell kellu jsir biss quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) u mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali wkoll. Għalhekk l-appellati huma tal-fehma li dan l-appell m’ghandux jiġi kkunsidrat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.«

25. Din l-eċċezzjoni tiddependi fuq l-eżitu tal-ewwel aggravju, u għalhekk inqisuha wara li tkun ingħatat deċiżjoni dwar l-ewwel aggravju, li jgħid hekk:

> »L-ewwel aggravju: dwar il-ġurisdizzjoni u l-applikabbilità tad-drittijiet fondamentali – l-ewwel qorti setgħet tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.
>
> »Fl-ewwel lok jiġi rilevat illi s-sentenza appellata kienet kompletament żbaljata dwar is-setgħat tagħha stess li tiddeċiedi l-mertu li kellha quddiemha. L-ewwel qorti fi ftit kliem qalet illi l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) huma żewġ qrati differenti minn xulxin u ddistingwiet bejn il-vesti kostituzzjonali tal-Prim’Awla u bejn dik li hija sejhitilha ‘ġurisdizzjoni ordinarja’ tal-Prim’Awla li presumibilment tinkludi dak kollu li jaqa’ fil-kompetenza tal-Prim’Awla u li ma huwiex regolat bl-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4 tal-Kap. 319. Kemm dan huwa qari konfuż tal-liġi joħroġ mill-fatt innifsu li l-Kostituzzjoni fl-art. 46 tgħid illi l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeċiedi talbiet dwar ksur ta’ drittijiet fundamentali, u għalhekk ma hemmx lok li wieħed jiddistingwi bejn ġurisdizzjoni ordinarja u oħra speċjali.

»Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija dejjem l-istess waħda.

»In-nomenklatura tagħha fil-liġi hija dejjem u biss 'Prim'Awla tal-Qorti Ċivili'. Imkien fil-liġi ma nsibu referenza għal Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-artikolu 3 jistabilixxi liema huma l-Qrati Superjuri u fosthom insibu l-Qortl Ċivili. Imbagħad il-Qorti Ċivili hija maqsuma f'diversi sezzjonijiet, li huma indikati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 fejn regolament 3 jgħid li hemm ħames sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili, fosthom is-sezzjoni magħrufa bħala Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li hija ta' gurisdizzjoni ġenerali. … … … Skond ir-regolament 6 mbagħad insibu li fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jaqgħu ittalbiet kollha li ma humiex assenjati lii xi wa]da mis-sezzjonijiet l-oħra tal-Qorti Ċivili. Ma hemm l-ebda Sezzjoni li hija esklussiva għal kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali, drittijiet fondamentali jew drittijiet Ewropej.

»Minn dan joħroġ ċar illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni li tisma' kemm kawżi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali kif stabbilit fl-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll gurisdizzjoni li tisma' kawzi definiti fir-regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19. Hija però l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tisma' dawn il-kawżi kollha. U ma hemm xejn stramb f'li qorti jkollha l-kompetenza li tisma' aktar minn tip wieħed ta' lment.

»Il-fatt li l-proċedura f'każ ta' lmenti marbuta mal-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4 tal-Kap. 319 tista' tkun regolata ftit differenti mill-bqija tal-kawżi (per eżempju dwar jekk ir-rikors promotur għandux ikun bilfors ġuramentat jew inkella le) ma jfissirx b'daqshekk li l-qorti li tista' tisma' dak il-kaz hija differenti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Hija dejjem l-istess Prim'Awla li tista' tisma' kawżi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali u kawżi oħra ta' portata ċivili ġenerali. Il-leġislatur ma stabilixxiex qorti distinta u separata b'kompetenza *ad hoc* u limitata esklussivament għal kawżi dwar drittijiet fundamentali. Tant dan hu hekk illi fl-art. 34 tal-Kap. 12 naraw illi l-leġislatur kien qiegħed jirrikonoxxi illi l-istess Prim'Awla għandha s-setgħa li tippronunzja ruħha dwar punti ta' liġi dwar drittijiet fundamentali, addirittura fejn ma jkun hemm ebda talba espliċita dwar hekk:

> »"… … … fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*) tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

»Issa dan mhux eżattament il-każ odjern billi hawnhekk ir-rikorrent hawn appellant kien talab espliċitament (għalkemm b'mod sussidjarju) deċiżjoni dwar id-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Kap. 319. Però l-punt jibqa' illi fl-art. 34 il-leġislatur qiegħed jirrikonoxxi illi l-Prim'Awla hija waħda.

»Lanqas għandu jitqies stramb illi l-istess Prim'Awla jista' jkollha setgħa tisma' kemm kawżi mibdija b'rikors ġuramentat kif ukoll dawk

mibdija b'rikors sempliċi. Fil-fatt l-art. 125(1) tal-Kap. 12 jgħid illi 'fil-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, ordinarjament, jitmexxa b'rikors, sija ġuramentat jew le, skont ma tgħid il-liġi'. U l-art. 164(2) tal-Kap. 12 igħid ukoll illi ma hemm ebda nullità jekk kawża li tista' tinġab b'rikors sempliċi, minflok, issir b'rikors ġuramentat. Għalhekk ukoll ma għamel xejn ħażin l-appellant meta huwa intavola l-kawża odjerna (bit-talbiet kollha li fiha) b'rikors ġuramentat.

»L-appellant huwa konxju mill-fatt illi kien hemm sentenzi tal-qrati nostrani li qiesu illi fejn ikunu saru talbiet kemm ta' *indole* kostituzz-jonali u kif ukoll dwar stharrig ta' għamil amministrattiv, il-qrati ġieli għażlu li jillimitaw ruħhom għat-talbiet amministrattivi biss, kif ġara fil-kawża Charles Cini *v.* Il-Prim Ministru *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 2018 u l-appell minnha deċiż fit-12 ta' Ottubru 2023. Iżda hawnhekk ma għandniex kawża li qed tittratta dwar talbiet amministrattivi u talbiet dwar drittijiet fundamentali. L-ilment tal-attur f'din il-kawża huwa illi l-istess fatti fl-istess ħin jagħtu lok għal ksur tad-drittijiet tiegħu kemm taht il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Kap. 319. Wieħed ma għandhux jinsa li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea daħlet fis-seħħ proprju sabiex tikkumplementa u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin.

»Issa filwaqt li l-liġi Maltija fil-Kap. 319 tagħti appell minn kawżi mibdija taħt il-Konvenzjoni għal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ma nsibux artikolu simili għal dak li jirrigwarda kawżi dwar ksur ta' drittijiet naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea bil-konsegwenza li wieħed jifhem li tali appell huwa wiehed ordinarju għal quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan minkejja li essenzjalment id-drittijiet tar-rikorrent li qed jiġu miksura kemm taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewro-pea u l-Kostituzzjonali huma simili ħafna għal xulxin. Però hija l-istess Prim'Awla li għandha ġurisdizzjoni tisma' l-ilmenti kollha li ressaq ir-rikorrent hawn appellant. Għalhekk ma jagħmilx sens li wieħed jippretendi li r-rikorrent jiftaħ żewġ proċeduri distinti biex jilmenta mill-istess fatti. L-ekonomija tal-ġudizzju wkoll titlob li kemm jista' jkun kawża ma tiġix spezzettata minħabba formaliżmu eċċessiv.

»Għalhekk l-ewwel qorti ma kienet korretta xejn meta effettivament qieset illi ma kinitx il-*forum* kompetenti biex tisma' t-talbiet numru 7 sa 12 tar-rikors promotur u laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija.«

26. L-appellant qiegħed igħid sew, u ma hemmx xi żżid mar-raġunijiet mogħtija f'dan l-aggravju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sew meta tisma' kawżi kostituzzjonali u sew meta tisma' kawżi ċivili, hija dejjem l-istess qorti, u ma hemm xejn xi jżomm li quddiemha titressaq kawża mista msejsa kemm fuq disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni

Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni”] u kemm fuq disposizzjonijiet ta’ xi liġi oħra.

27. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa’. Naraw ’il quddiem jekk huwiex il-każ li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex tiddeċiedi wkoll dwar it-talbiet li ma qisitx jew id-deċiżjoni dwar dawk it-talbiet toħroġx neċessarjament mill-konsiderazzjonijiet li għad iridu jsiru dwar l-aggravji l-oħra tal-appell.

28. Ngħaddu mela għall-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar jekk l-appell kellux isir quddiem din il-qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell.

29. Il-Qorti tal-Appell għandha kompetenza li tisma’ appelli minn sentenzi dwar drittijiet fundamentali fil-każ biss imsemmi fl-art. 34 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, *viz.* meta f’kawża mibdija b’rikors maħluf “ikunu ġew diskussi u deċiżi punti ta’ liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem”. Għalkemm din hija kawża mibdija b’rikors maħluf sewwa jgħid l-attur fl-ewwel aggravju tiegħu illi din id-disposizzjoni ma tolqotx il-każ tallum iżda tolqot każijiet fejn il-kwistjoni dwar drittijiet fundamentali tqum inċidentalment waqt is-smigħ ta’ kawża li ma tkunx mill-bidunett imsejsa fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ dawk id-drittijiet (*arg. a contrario sensu ex* art 46(3), Kost.). Fil-każ tallum il-kawża kienet sa mill-bidunett imsejsa wkoll fuq disposizzjonijiet ta’ drittijiet fundamentali.

30. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda u nistgħu nkomplu bl-aggravji tal-appell.

31. It-tieni u t-tielet aggravji jkomplu l-istess argument u jgħidu hekk:

> »It-tieni aggravju
>
> »… … … jidher ukoll illi l-ewwel qorti inkorriet fi żball meta qalet li kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet kostituzzjonali numru 7 sa 12 billi fil-fatt it-talba numru 7 hija marbuta mat-talbiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kienu biss it-talbiet numru 8 sa 12 li kienu marbuta mal-Kostituzzjoni u mal-Kap. 319.
>
> »It-tielet aggravju
>
> »… … … irid jiġi rilevat ukoll illi l-ewwel qorti injorat għal kollox il-fatt illi t-talbiet numri 8 sa 12 saru espressament u espliċitament b'mod sussidjarju għat-talbiet preċedenti u għalhekk l-ewwel qorti ntalbet biss tidħol fil-kwistjoni taht il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 f'kaz li kellha ssib li r-rikorrent ma kellux raġun fl-ewwel seba' talbiet tiegħu (jiġifieri dawk mibnija fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).
>
> »Issa minflok ma bdiet l-ewwel u qabel kollox mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-ewwel qorti għamlet proprju bil-kontra u l-ewwel astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet kostituzz-jonali u mbagħad wara ċaħdet il-bqija tat-talbiet tal-esponent. B'hekk ġie li l-ewwel qorti injorat għal kollox il-fatt li t-talbiet kienu saru b'mod sussidjarju.
>
> »Dan ġab preġudizzju kbir għall-esponent għaliex li kieku l-qorti bdiet billi kkunsidrat l-ewwel seba' talbiet u ċaħdithom fil-mertu allura suppost f'dak l-istadju kienu jiskattaw it-talbiet 8 sa 12. Possibilment ukoll l-ewwel qorti setgħet tiddeċiedi biss l-ewwel seba' talbiet b'sentenza separata, imbagħad jekk issib li m'humiex mistħoqqa fil-mertu tgħaddi biex tistħarreġ l-ilrnent kostituzzjonali b'sentenza separata, għaliex ċertament ħadd ma jkun jista' jgħid li għad fadal xi rimedju ordinarju x'jiġi eżawrit. U kif rajna l-ewwel qorti bħala l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha ġurisdizzjoni sħiħa biex tisma' kemm it-talbiet numri 1 sa 7 kif ukoll dawk numri 8 sa 12.
>
> »Jiġi rilevat illi l-esponent żamm ben distinti t-talbiet li kienu msejsa fuq il-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u dawk imsejsa fuq il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 u ma kien hemm l-ebda konfuzjoni bejn iż-żewġ settijiet ta' lmenti u ladarba t-talbiet saru b'mod espliċitament sussidjarju l-ewwel qorti kellha timxi skond l-ordni indikat fir-rikors promotur u l-ewwel tqis it-talbiet ibbażati fuq il-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u mbagħad biss jekk ikun hemm il-ħtieġa tgħaddi biex tqis it-talbiet l-oħra.«

32. Ladarba ma kien hemm xejn xi jżomm lill-ewwel qorti milli tqis it-talbiet kollha, sew jekk taħt il-Kostituzzjoni u sew jekk taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-Karta"], dawn l-aggravji wkoll għand-hom jintlaqgħu.

33. Ngħaddu għar-raba' aggravju, li jgħid hekk:

> »Ir-raba' aggravju
>
> »… … … is-sentenza appellata hija wkoll żbaljata fil-mertu kwantu t-talbiet li gew miċħuda. L-ewwel qorti qalet illi d-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati li dwarhom qed jilmenta l-appellant kienu motivati u ma jilledux id-dritt tal-esponent għal smigħ xieraq. Dan mhux fattwalment korrett in kwantu minn ħarsa lejn id-digrieti in kwistjoni jirriżulta ben ċar illi l-qorti ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha kif suppost. Kull deċiżjoni tal-qorti għandha tkun ben motivata b'raġunijiet ċari u mhux x'wieħed jassumi li l-qorti kienet qiegħda tibbaża ruħha fuqu. Lanqas ma għandha qorti tiddeċiedi rikors sussegwenti billi sempliċement tibbaza ruhha fuq digriet preċedenti, speċjalment jekk tkun intalbet ir-rikonsiderazzjoni ta' dak id-digriet preċedenti. Mhix l-ewwel darba li l-Qorti tal-Appell hassret digrieti minhabba li kienu nieqsa mill-motivazzjoni - ara Road Ċonstruċtion Ċo Ltd vs Sa/vu Mintoff & Sons Ltd et deċiz mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2022. Għalhekk ma kienx bizzejjed fil-kaz tal-esponent illi l-Qorti tal-Magistrati tiddisponi mit-talbiet magħmula mill-esponent sempliċement billi tagħmel referenza għad-digrieti preċedenti tagħha u tgħid li 'ma għandha xejn x'izzid' ma' dawk id-digrieti. Bir-rispett kollu billi terga' tirrepeti dak li tkun qalet f digriet preċedenti ma jissodisfax irrekwizit li tagħti raguni ben motivata għalfejn qiegħda tiċħad it-talba speċifika li saritilha wara dawk id-digrieti.«

34. Kien ikollu raġun l-attur appellant meta jgħid illi "lanqas ma għandha qorti tiddeċiedi rikors sussegwenti billi sempliċement tibbaża ruħha fuq digriet preċedenti" likieku t-talbiet għal rikonsiderazzjoni ressqu raġunijiet ġodda għala l-ewwel dikriet kellu jitħassar jew jinbidel. Iżda r-rikorsi tat-28 ta' Frar 2020 u tal-10 ta' Mejju 2021 għal rikonsiderazzjoni[6] ma jressqu ebda raġuni ġdida u sempliċement itennu t-talba għall-istess raġunijiet, u għalhekk l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet għax ma kellha "xejn iżjed xi żżid" mal-motivazzjoni tal-ewwel dikriet.

35. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

[6] Para. 5 u 7, *supra*

36. Il-ħames aggravju jgħid hekk:

> »Il-ħames aggravju
>
> »Id-Deċiżjoni Kwadru msemmija fuq fl-artikolu 27 tagħha tipprovdi dwar ir-regola tal-ispeċjalità li tfisser li persuna li tkun f'Malta biss minħabba l-esekuzzjoni ta' proċedura pprovduta fid-Deċiżjoni Kwadru ma tistax tiġi akkuzata u pproċessata bl-ebda forma ta' akkuża oħra sakemm ma taqax taħt l-eċċezzjonijiet tal-istess artikolu. Din l-istess Deċiżjoni Kwadru tipprovdi li stat membru jista' jitlob eżenzjoni minn din l-eċċezzjoni billi jinnotifika lill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea. Iżda kif jidher mid-dokument anness bhala Anness A mar-rikors ġuramentat[7], kemm l-istat Malti kif ukoll r-Renju Unit (li bejn dawn l-istati twettaq l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru fil-każ tar-rikorrent tal-kawża odjerna) għażlu li ma japplikawx din l-eċċezzjoni, u għalhekk il-leġislatur Malti għażel li ma jagħmilx eċċezzjonijiet.
>
> »Ġaladarba l-istat Malti għażel li ma japplikax l-eċċezzjoni, l-ewwel qorti qatt ma setgħet b'mod indirett tapplika l-eċċezzjoni hi billi teżenta artikolu 338(*z*) ta' Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mir-regola tal-ispeċjalità billi tinterpreta li l-artikolu mhux bilfors iwassal għal telf ta' libertà. Ir-regola tal-ispeċjalità torbot għall-proċess kollu u mhux għall-piena biss. Il-fatt li jista' jeħel multa jew ħabs jiddependi fuq il-mertu tal-każ u mhux fuq ir-regola tal-ispeċjalità. L-akkużi li nħarġu fil-konfront tar-rikorrent rigward rikolu 338(*z*) li bdew qabel iċ-ċediment tiegħu huma għal kollox differenti minn dawk koperti bil-mandat t'arrest Ewropew u allura ġaladarba l-istat m'applikax għal eċezzjoni, din ma tistax tagħmlu l-ewwel qorti għax dan hu xogħol il-leġislatur.«

37. Ir-raġuni għala l-art. 27 tad-Deċiżjoni Kwadru u d-disposizzjonijiet tal-liġi domestika li jimplimentawh ma jolqotx l-akkużi mressqa kontra l-attur ma hijiex għax dawk l-akkużi "ma jkunux neċessarjament iġibu piena ta' ħabs jew detenzjoni", kif qalet l-ewwel qorti, iżda għax dawk l-akkużi ma humiex dwar atti jew nuqqasijiet li seħħew qabel ma l-attur inġab Malta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew. Id-dikriet tat-23 ta' Settembru 2019 tal-Qorti tal-Maġistrati huwa ċar: il-proċess penali kontra l-attur kellu jitkompla biss "in kwantu u limitatament fir-rigward tar-reati kommessi wara li l-imputat treġġa' lura in forza tal-mandati t'arrest". Mela hija għalkollox irrelevanti l-kwistjoni jekk il-każ jaqax taħt l-eċċezzjoni fil-art. 27 para. 3(*ċ*) tad-Deċiżjoni Kwadru. L-atur qiegħed ifittex li japprofitta ruħu

7 Id-deċiżjoni tal-*Westminster Magistrates' Court* li l-attur jinġieb Malta

mill-fatt li l-ewwel qorti marret *fuori tema* fil-motivazjoni tagħha u jostor il-qofol tal-kwistjoni kollha, li hija li l-akkużi mressqa kontra tiegħu huma dwar atti jew nuqqasijiet li seħħew wara li nġab Malta.

38. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

39. Is-sitt aggravju jgħid hekk:

> »Is-sitt aggravju
>
> »Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati qed taċċetta li ma tipproċessax akkuzi ta' artikolu 338(*z*) dwar qabel ma nġab Malta, bl-istess mod m'għandhiex taċċetta li tiproċessa akkużi ta' wara għax dan qatt ma seta' jigi proċessat bihom li kieku ma kienx hemm l-implimentazzjoni tad-Deċizjoni Kwadru u r-rikorrent inġab Malta. L-istat Malti jkun qed jieħu vantaġġ mill-fatt li r-rikorrent inġab Malta billi jipproċessa stat ta' fatt li ma nbidilx bl-inġieba f'Malta tar-rikorrent u mingħajr ma jkun talab permess lir-Renju Unit jew mingħajr ma l-leġislatur Malti jkun talab permess ta' deroga għall-artikolu 27 tad-Deċizjoni Kwadru lill-Kunsill tal-Ministri.
>
> »Għalhekk konsegwentalment għandha tapplika favur l-imputat ir-regola tal-ispeċjalità.
>
> »Din it-tifsira ta' fuq diġà ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussumburgu f'każijiet bhal ta' Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof (C-195/20 PPU) fejn il-Qorti Ewropea kienet ċara ħafna li allegati reati li bdew qabel iċ-ċediment tal-imputat ma jistgħux jiġu ipproċessatt sakemm ikun għad hemm fis-seħħ l-effetti tad-Deċizjoni Kwadru. Fil-fatt il-Qorti tal-Unjoni Ewropea f'punt 39 qalet:
>
>> »"Fl-aħħarnett, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regola ta' speċjalità hija marbuta mas-sovranità tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u tagħti lill-persuna rikjesta d-dritt li tkun suġġetta għal prosekuzzjoni, ikkundannata jew imċaħħda mil-libertà biss għar-reat li jkun ta lok għall-konsenja tagħha (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2008, Leymann u Pustovarov, C-388/08 PPU. EU:C:2008:669. punti 43 u 44).
>
> »Dan iffiser li biex l-imputat jkun jista' jigi ipproċessat fuq artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali dwar allegat reat li jkun beda qabel huwa jkun ġie ċedut u kompla wara, ikun irid jintalab kunsens mir-Ren]u Unit, liema kunsens fil-kaz odjern ma ntalabx.«

40. It-teżi tal-attur essenzjalment hija illi, għax wettaq xi att jew nuqqas bi ksur tal-art. 338(*z*) tal-Kodiċi Penali qabel ma nġab Malta, mela issa għal għomru jgawdi immunità minn kull akkuża taħt dak l-artikolu dwar dak li jagħmel jew jonqos li jagħmel wara li nġab Malta.

41. Dan hu assurd.

42. Il-fatt li diversi reati istantanji jitqiesu bħala reat kontinwat għall-għanijiet ta' piena ma jfissirx li akkuża ma tistax titressaq biss dwar xi wħud mir-reati, bħalma ġara fil-każ tallum, u mhux dwar kollha.

43. Il-każ Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof imsemmi fir-rikors tal-appell ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ tallum. F'dak il-każ l-akkużat intbagħat il-Ġermanja bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew dwar abbuż sesswali fuq minorenni mwettaq fil-Portugall. Wara li ttieħed il-Ġermanja "ngħata l-libertà u tqiegħed taħt sorveljanza soċjoġudizzjarja"[8]. Minkejja dan telaq mill-Ġermanja u ġie arrestat l-Italja, mnejn reġa' ntbagħat il-Ġermanja bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew ieħor. Il-kwistjoni kienet dwar jekk setax jiġi mixli wkoll fil-Ġermanja dwar stupru aggravat u estorsjoni mwettqa fil-Portugall qabel ma ttieħed il-Ġermanja l-ewwel darba. Iċ-ċirkostanzi huma għalkollox differenti minn dawk tal-każ tallum u r-referenza għas-"sovranità tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni" msemmija f'para. 39 tas-sentenza hija tentattiv biex jintefa' l-bżar fl-għajnejn.

44. L-aggravju huwa għalhek miċħud.

45. Is-seba' aggravju jgħid hekk:

> »Is-seba' aggravju
>
> »Jirriżulta li l-ewwel qorti ikkwotat il-kaz C-388/08 PPU msemmi fuq. B'referenza għat-tielet rinviju ta' dan il-kaz, il-QĠUE qalet li:
>
> > »"L-eċċezzjoni prevsita fl-Artikolu 27(3)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandha tkun interpretata fis-sens li, quddiem 'reat minbarra' dak li fir-rigward tiegħu l-persuna kienet giet ikkonsen-

[8] Para. 13 tas-sentenza

> jata, il-kunsens għandu jintalab, skont l-Artikolu 27(4) ta' din id-Deċizjoni Qafas, u jinkiseb jekk hemm lok li tiġi eżegwita piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali. Il-persuna kkonsenjata tista' tiġi pproċessata jew ikkundannata għal tali reat qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm ebda mizura li tirrestrinġi l-libertà personali ma tkun applikata matul il-fażi ta' prosekuzzjoni jew ta' sentenza relatata ma' dan ir-reat. L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 27(3)(ċ) madankollu ma tipprekludix li l-persuna kkonsenjata tkun suġġetta għal miżura li tirrestrinġi l-libertà personali qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm din il-miżura hija legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest Ewropew."

»Hawnhekk l-ewwel qorti donnha ma fehmitx b'mod sħiħ il-każ li kkwotat hi stess u l-kuntest tal-kwotazzjoni t'hawn fuq. Dan iffisser li dan il-każ ma jistax jiġi applikat *ad litteram* għall-każ odjern għax il-fatti huma totalment differenti. Dan huwa wkoll dovut għall-fatt li l-każ kwotat kien hemm differenza primarjament fit-tip ta' narkotiċi li dwarhom Leyman ġie pproċessat. Dawn l-akkuzi 'ġodda' kienu legalment iġġustifikati minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest Ewropew ta' dak il-każ.

»L-istess ma jreġix fil-fatti tal-każ odjern fejn akkużi taħt artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali Malti m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-akkużi li dwarhom ir-rikorrent inġab Malta fuq mandat ta' arrest Ewropew. Għalhekk il-kwotazzjoni li a bażi tagħha ddeċediet l-ewwel qorti hija żbaljata.«

46. Dan l-aggravju kien ikollu relevanza li kieku r-raġuni għala għandhom jinċaħdu t-talbiet tal-attur kienet dik indikata mill-ewwel qorti, *viz.* illi "sakemm akkużi ma jkunux neċessarjament iġibu piena ta' ħabs jew detenzjoni, allura jistgħu jinħarġu tali akkużi anke għall-perjodu ta' qabel ma l-persuna akkużata tkun inġiebet lura Malta". Rajna iżda illi r-raġuni ma hijiex dik; ir-raġuni hija sempliċement li ma humiex jitressqu kontra l-attur akkużi dwar atti jew nuqqasijiet imwettqa qabel inġab Malta. In-nuqqas ta' apprezzament ta' dan il-kunċett mill-ewwel qorti – issa sfruttat f'dan l-appell – wassal għal ħela ta' aktar minn erba' snin fil-vojt wara dirottament tal-kawża fuq binarji għalkollox irrelevanti.

47. It-tmien aggravju jgħid hekk:

»L-ordni ġuridiku Malti jikkonsisti kemm f'liġijiet li saru domestikament kif ukoll minn liġijiet li l-għejjun tagħhom huwa d-dritt tal-Unjoni Ewro-

pea. Dan jirriżulta permezz ta' artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll permezz ta' Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta[9]. Dan ifisser li r-Regolamenti u każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-Lussemburgu huma liġijiet lokali daqs kwalunke liġi domestika oħra u, f'każ ta' 'konflitt' bejn liġijiet, prijorità għandha tingħata lil-liġi li tkun ġejja mill-għejjun tad-dritt tal-UE minħabba l-applikazzjoni ta' Kap. 460. Ara Costa *v. ENEL* każ 6/64. Dan ifisser li minħabba li r-regola tal-ispeċjalità qed issir a tenur ta' strument legali Ewropew, il-qorti Maltija għandha obbligu li, qabel ma tirrikorri għal-liġi u l-prassi purament domestika, trid tanalizza l-ewwel x'inhu mitlub minnha mill-mod ta' kif interpretatu l-QĠUE li s-sentenzi tagħha huma *erga omnes* kuntrarju għal dawk domestitċi u tal-QEDB li huma *inter pares* [*recte*, *inter partes*].

»L-applikazzjoni korretta tal-liġi domestika li ġejja mil-liġi tal-UE tieħu preċedenza fuq kull liġi proċedurali lokali oħra li tista' b'xi mod ixxekkel jew tfixkel l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni korretta u uniformi ta' dispożizzjoni tal-UE, u l-qorti hi obbligata li twarrab punti ta' proċedura li jfixklu l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE.

»Jidher ċar li l-mod ta' kif l-ewwel qorti qed tinterpreta l-artikolu 27 tad-Deċizjoni Kwadru kif ukoll is-sentenza tal-QĠUE C-388/08 PPU jidher ċar li hemm bżonn intervent ieħor tal-QĠUE biex jiġu ċarati fuq bażi Ewropea ċertu punti legali li jaffettwaw il-każ odejrn u lir-rikorrent b'mod dirett. Minħabba li l-Deċizjoni Kwadra trid tiġi applikata b'mod uniformi fl-istati membri kollha, kwalunkwe dubbju jew partenza mill-każ C-388/08 PPU għandu jiġi deċiż mill-QĠUE permezz tar-rinviju skont artikolu 267 TFUE għaliex l-applikazzjoni ta' dan id-digriet irid ikun [*recte*, l-applikazzjoni … trid tkun] uniformi daqs li kieku qam fi stat membru ieħor u stati membri oħrajn jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jintervjenu u jagħmlu sottomissjonijiet kif ġara fll-kaz C-388/08 PPU.

»Huwa essenzjali li l-qorti Maltija ma tagħtix interpretazzjoni hi, għax b'hekk ma jistax ikun hemm uniformi[tà] fl-interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu 27 tad-Deċizjoni Kwadru. L-interpretazzjoni tar-regola tal-ispeċjalità ma tistax tiddepdeni mid-deskrizzjoni [diskrezzjoni (?)] tal-qorti nazzjonali, f'dan il-każ tal-Qorti tal-Maġistrati kif qed timplika l-ewwel qorti. L-applikazzjoni tar-regola tal-ispeċjalità ma tistax tiddependi fuq deċiżjoni ta' spezzar minn qorti nazzjonali. Lanqas tista' tiddependi kif tifhimha qorti partikolari Maltija għax l-uniformità tad-dritt tal-UE hi essenzjali u li kieku il-kwistjoni odjerna trid tinqata' bl-istess mod kif kienet tinqata' li kieku qamet fi stat membru ieħor.

»Għalhekk hu obbligu tal-Qorti tal-Appell bħala l-ogħla Qqrti tal-każ odjern li tagħmel numri ta' rinviji lill-QĠUE dwar l-interpretazzjoni ta' artikolu 27 tad-Deċizioni Kwadru skont artikolu 267 TFUE. Dan biex l-interpretazzjoni mogħtija fil-każ odjern tkun uniformi mal-UE kollha u sabiex tagħti *locus standi* lil stati membri oħra u isitituzzjonijiet li jkollhom iċ-ċans jintervjenu għax dan il-kaz hu differenti minn C-388/08 PPU u jinħtieġ l-intervent tal-QĠUE.

»Il-QĠUE iddeċidiet f'Ċ-388/08 PPU li l-eċċezzjoni prevsita fl-artikolu 27(3)(ċ) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584 għandha tkun interpretata fis-sens li, quddiem "reat minbarra" dak li fir-rigward tiegħu l-persuna kienet ġiet ikkonsenjata, il-kunsens għandu jintalab, skont l-artikolu 27

[9] L-Att dwar l-Unjoni Ewropea

(4) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, u jinkiseb jekk hemm lok li tiġi eżegwita piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali. Il-persuna kkonsenjata tista' tiġi pproċessata jew ikkundannata għal tali reat qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm ebda miżura li tirrestrinġi l-libertà personali ma tkun applikata matul il-fażi ta' prosekuzzjoni jew ta' sentenza relatata ma' dan ir-reat. L-eċċezzjoni prevista fl-artikolu 27(3)(ċ) madankollu ma tipprekludix li l-persuna kkonsenjata tkun suġġetta għal miżura li tirrestrinġi l-libertà personali qabel ma jkun inkiseb il-kunsens, sakemm din il-miżura hija legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jinstabu fil-mandat ta' arrest Ewropew.

»Mistoqsija

»It-tielet *decide* f'Ċ-388/08 PPU għandu jiġi estiż u applikat fejn il-miżura mhix legalment iġġustifikata minn kapijiet oħra tal-akkuża li jistabu fil-mandat ta' arrest Ewropew, anzi fejn dawn il-kapijiet huma kompletament irrelatati u l-miżuri lanqas jistgħu jkunu suġġett għal *EAW*?«

48. Dan l-aggravju qiegħed igħid l-ovvju, *viz.* illi li kieku l-każ kien jintlaqat bl-art. 27 tad-Deċiżjoni Kwadru u hemm konflitt bejn dak l-artikolu u l-liġi domestika li timplementah, tingħata preċedenza lil-liġi Ewropea mhux lil dik domestika. Ladarba iżda, kif rajna, il-każ ma jintlaqatx bl-art. 27, u għalhekk ma hemm ebda ħtieġa ta' interpretazzjoni tal-art. 27, u ebda ħtieġa ta' referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-argument huwa għalkollox irrelevanti.

49. Il-qorti għalhekk tiċħad l-aggravju u tiċħad ukoll l-istedina li tkompli ttawwal inutilment dawn il-proċeduri b'mistoqsijiet irrelevanti lill-Qorti tal-Ġustizzja.

50. Id-disa' u l-aħħar aggravju jgħid hekk:

»Id-disa' aggravju

»L-ewwel qorti ma assiguratx l-uniformità tal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew, u ma għamlitx rinviju lill-QĠUE dwar dawn it-tliet mistoqsijiet li ġejjin:

»1 Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/ĠAI) għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi l-ipproċessar ta' diversi akkużi istantanji li bdew qabel ma l-imputat ikun intbagħat fl-istat membru li jkun għamel it-talba u tkomplew mhux interroti bl-istess mod wara li

jkun ġie ritornat meta l-liġi lokali tqishom bħala akkużi ta’ reat kontinwat għall-finijiet ta’ piena u proċeduri?

»2 Artikolu 27 tad-Deċiżjonl Kwadru (2002/584/ĠAI) għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi l-ipproċessar ta’ akkużi ta’ omissjoni wara li persuna tkun ġiet ritornata minħabba l-operat ta’ *EAW*, jekk dawn l-istess reati li qed jiġu proċessatl setgħu jiġu kommessi wkoll mill-imputat fl-istat membru fejn kien qabel intbagħat u li kieku ma ntbagħatx minhabba l-*EAW* ma setgħux ikunu ppproċessati?

»3. Artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/ĠAI) flimkien mal-provedimenti l-oħra tad-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/ĠAI) bħala strument ta’ dritt Ewropew jista’ qatt fid-dritt nazzjonali jpoġġi persuna li tkun ċeduta fl-istat membru li jagħrnel it-talba, proċeduralment fl żvantaġġ dwar akkużi ohra li m’humiex koperti bl-*EAW* u li kieku dawn ma setgħu qatt jiġu proċessattl li kieku ma kienx hemm l-istess ċediment?

»Ir-rikorrent hu ċert li r-risposta għall-mistoqsijiet ta’ fuq hija ċara u ċerta li artikolu 27 tad-Deċiżjoni Kwadru jipprojbixxi kull proċessar ta’ allegat reati bhal dak taht artikolu 338(*z*). Iżda f’dan l-istadju tal-aħħar istanza hemm obbligu li jsir rinviju minħabba r-raġunijiet imsemmija fis-suespost.

»… … …

»Fid-dawl tas-suespost, din il-qorti għandha tiddikjarja li fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-0040l-2018-6, il-Qorti tal-Maġistrati ta’ Ġudikatura Kriminali ma applikatx tajjeb id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju 2002 fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI) u li d-digrieti tal-23 ta’ Settembru 2019, tat-13 ta’ Mejju 2020 u tal-20 ta’ Mejju 2021 jmorru kontra l-istess Deċizjoni Kwadru.

»Konsegwentement din il-qortl għandha wkoll tiddikjara li minħabba tali mis-applikazzjoni u l-fatt li l-immsemmija digrieti jmorru kontra d-Deċiżjoni Kwadru kif fuq ingħad, u minħabba li d-digrieti tat-13 ta’ Mejju 2020 u tal-20 ta’ Mejju 2021 huma nieqsa mill-motivazzjoni, ir-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet tiegħu naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u senjatament l-artikoli 47 u 48 tal-istess Karta.

»Konsegwentement għandha tintlaqa’ wkoll it-talba sabiex il-qorti tirrevoka, tannulla u tħassar id-digrieti tal-Qorti tal-MaĠistrati ta’ Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAĊ-0040l-2018-6 tal-23 ta’ Settembru 2019, tat-13 ta’ Mejju 2020 u tal-20 ta’ Mejju 2021.

»Konsegwenza ta’ dak kollu suespost, ir-rikorrent għandu jingħata wkoll ir-rimedju li l-proċeduri kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta’ Ġudikatura Kriminali mibdija permezz taċ-ċitazzjoni MAC-0040l-2018-6 u kwalunkwe proċeduri oħra għal dak li għandu x’jaqsarn mal-proċeduri dwar artikolu 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali fit-totalità tagħhorn jiġu differiti *sine die* għal meta u wara li ma jibqgħux fis-seħħ l-effetti tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI.«

51. Kif ġà għedna fuq[10], it-teżi tal-attur essenzjalment hija illi, għax wettaq xi att jew nuqqas bi ksur tal-art. 338(*z*) tal-Kodiċi Penali qabel ma nġab Malta, mela issa għal għomru jgawdi immunità minn kull akkuża taħt dak l-artikolu dwar dak li jagħmel jew jonqos li jagħmel wara li nġab Malta. Rajna iżda illi proċeduri penali kontra l-attur jolqtu biss l-atti jew nuqqasijiet imwettqa wara li nġab Malta u għalhekk l-argumenti kollha dwar ir-regola ta' speċjalità huma biss bżar fl-għajnejn.

52. L-attur igħid li jibża' illi, jekk jinstab ħati ta' dawn l-akkużi u, eventwalment, jew għax jinkiseb il-kunsens tal-pajjiż li minnu treġġa' lura l-attur jew għal xi raġuni oħra, jiġi akkużat dwar l-atti jew ommissjonijiet li seħħu qabel inġab Malta, jitlef il-benefiċċju tal-piena mnaqqsa għal reat kontinwat taħt l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali meta mqabbla mal-piena likieku r-reati jitqiesu separatament. Dan iżda ma huwiex biża' serju meta tqis illi r-reati mwettqa qabel inġab Malta ilhom li waqgħu bil-preskrizzjoni ta' sitt xhur taħt l-ewwel *proviso* tal-art. 338(*z*) tal-Kodiċi Kriminali.

53. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

54. Fadal li nqisu l-kwistjoni jekk huwiex meħtieġ li l-atti jintbagħtu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni dwar it-talbiet li erronjament għażlet li ma tqishomx[11].

55. Rajna li l-aggravji li jolqtu l-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar l-ilmenti taħt il-Karta ġew miċħuda u għalhekk it-talbiet imsejsa fuq il-Karta jibqgħu miċħuda. Ir-raġunijiet għall-ilmenti tal-attur imsejsa fuq il-Kostituzzjoni u fuq il-Konvenzjoni huma l-istess bħal dawk għall-ilmenti msejsa fuq il-

---

[10] Para. 40

[11] Para. 27, *supra*

Karta u għalhekk l-istess konsiderazzjoniiet li wasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet taħt il-Karta għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet imsejsa fuq il-Kostituzzjoni u fuq il-Konvenzjoni.

56. Ma huwiex għalhekk meħtieġ li jinħela aktar ħin milli ġà nħela b'din il-kawża billi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti.

57. Il-qorti għahekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel sitt talbiet tal-attur u tħassarha fejn għażlet li ma tqisx is-seba' sat-tnax-il talba u, minflok, tiċħad dawk it-talbiet ukoll.

58. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

59. Jidher ċar li dan l-episodju kollu huwa każ fejn li lill-attur seħħlu li jagħmel minn nemla ħanżira u seħħlu wkoll li għal aktar minn erba' snin ċaħħad lill-parti ċivili vittma tan-nuqqasijiet minn rimedju li tingħata jekk il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jitħallew ikomplu u jinstab ħati tal-akkużi. Dan fil-fehma tal-qorti huwa abbuż mill-aktar gravi tal-proċess ġudizzjarju u ma jistax jitħalla bla konsegwenzi. Għalhekk il-qorti, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tordna lill-attur iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elfejn euro (€2,000).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputed Reġistratur
ss